MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 3110/1996/1

**Emanuel Ellul u b'digriet tal-1 ta' Novembru 1998 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Mario u Alexandra *sive* Sandra Falzon Scerri ahwa Ellul sabiex ikompli l-kawza minflok l-attur li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2006 gew appuntati l-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Mario Mifsud Bonnici biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Mario Ellul, iben il-mejjet Emanuel Ellul**

**vs**

**John, Adelaide, u Edmea mart Michael Calleja ahwa Ellul, u ghall-interess li ghandhom Emeric u Charles *sive* Carmelo ahwa Ellul, b'digriet tal-15 ta' Mejju 2002 u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2003 l-atti tal-kawza li kienu f'isem John Ellul gew trasfuzi f'isem Adelaide u Edmea mart Michael Calleja ahwa Ellul bhala eredi tal-istess John Ellul.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tal-attur datata 30 ta' Ottubru 1996 ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-attur u l-konvenuti principali, flimkien ma huthom l-ohra l-konvenuti Emeric u Charles *sive* Carmelo Ellul, huma koproprjetarji ta' assi formanti parti mill-wirt tal-genituri taghhom Carmelo u Adalgisa mizzewgin Ellul, li mietu rispettivament fit-12 ta' Marzu 1984, u fl-10 ta' Jannar 1976.

Illi bejn il-kontendenti hemm kawza pendenti ghall-likwidazzjoni u qsim tal-wirt tal-imsemmija genituri taghhom (citazzjoni numru 921/91/NA pendenti quddiem din il-Qorti).

Illi minn wara l-mewt tal-imsemmi Carmelo Ellul, l-imsemmija konvenuti, jew minn minnhom, baqghu jircievu kirjiet u cnus fuq proprjeta' derivanti mill-wirt imsemmi, u minn dak iz-zmien qatt ma taw rendikont dettaljat tal-amministrazzjoni taghhom jew ghaddew lill-attur sehemu tar-rikavat.

Illi l-konvenuti gew interpellati anke ufficjalment biex jghatu dan ir-rendikont, u jghaddu lill-attur sehemu tar-rikavat, izda naqsu milli jaghmlu dak li gie - minnhom mitlub.

Illi l-konvenuti komplew jigbru kirjiet u cnus sallum, *nonostante* l-imsemmija interpellazzjoni.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom jghatu rendikont shih

u dettaljat tal-amministrazzjoni ‘de facto’ taghhom tal-wirt tal-imsemmija Carmelo u Adalgisa Ellul.

2. Jigu kkundannati sabiex jghaddu lill-attur sehemu tar-rikavat migbur.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Novembru 1991 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 5 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco ghas-seduta tad-9 ta’ Lulju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Ellul, Adelaide Ellul u Edmea Calleja datata 17 ta’ Gunju 1997 a fol 7 tal-process fejn eccepew: -

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur huwa debitur tal-konvenuti skont skrittura tas-6 Lulju 1993 annessa u mmarkata bhala Dokument “A” fl-ammont ta’ Lm13,461.62 *oltre* l-mghax tas-6% fis-sena mis-6 ta’ Lulju 1993; in kwantu zewg fondi mikrija lil Modern Crown Stoppers Limited u Modern Plastic Containers Limited u cioe’ tal-fondi ossija 26 u 27/28, Racecourse Street, Marsa proprjeta’ tal-kontendenti in kwantu ghall-tliet kwarti indiviz tal-eccipjenti u in kwantu ghall-kwart indiviz lill-konvenuti l-ohra mal-attur. Barra minnhekk is-socjetajiet minnu rappresentati huma moruzi fil-hlas ta’ kera ammontanti ghal Lm3,000 ghall-perjodu mit-8 ta’ Marzu 1996 ‘l hawn.

2. *Inoltre* bla pregudizzju ghall-premess l-attur huwa debitur tal-konvenuti in kwantu ghall-hlas tal-okkupazzjoni tal-fond St. Rita, Balbi Street, Marsa li huwa okkupa mill-1954 sallum, liema proprjeta`, hija tliet kwarti tal-eccipjenti u kwart indiviz bejn il-konvenuti l-ohra u l-attur.

3. Illi bla pregudizzju tal-premess il-proprjeta` li huma ghandhom komuni bejniethom hija s-segwenrti u cioe`: 86, St. Francis Street, Floriana; 15, Racecourse Street, Marsa; 16, Racecourse Street, Marsa; St. Mary, Balbi Street, Marsa li ghandhom il-kera rispettiva ta’ Lm120; Lm200; Lm20; u Lm100 u liema kera hija percepita in kwantu ghal tliet kwarti indivizi mill-eccipjenti u in kwantu ghal kwart indiviz bejn l-attur u l-konvenuti l-ohra, biex b’hekk sehem l-attur huwa ta’ Lm36.66.6 fis-sena. Pero` ghandu jinghad illi qabel din is-sena sehem l-attur kien ta’ Lm32.50 *stante* li l-fond ta’ Balbi Street kien soggett ghac-cens annwu u temporanju li skada f’din is-sena u li sussegwentement irrdoppja skont il-ligi.

4. Illi barra minn hekk hemm fondi okkupati mill-konvenuti l-ohra Emeric u Charles li ghad trid tigi stabbilit il-kumpens ghall-okkupazzjoni u cioe` Sacred Heart, Ursuline Sisters Street, G’Mangia u 14 St Publius Street, Floriana rispettivament u dan skont kawza citazzjoni numru 1206/80 AJM fl-ismijiet **Carmel Ellul et vs Charles *sive* Carmelo Ellul**.

5. Illi l-eccipjenti ghandhom f’idejhom kirjiet ta’ tlettax-il sena dovuti lill-attur ammontanti ghal Lm513.50 u li zgur ghandhom jitnaqqsu mis-somom dovuti lilhom skont l-iskrittura Dokument “A” li Emmanuel Ellul iggarantixxa solidalment il-hlas.

6. In kwantu ghall-fond 80, Rue d’Argens Road, Msida dan huwa soggett ghac-cens annwu u temporanju ta’ Lm55 fis-sena ghal hamsa u ghoxrin sena dekorribbli mill-1983 cens qed jithallas in kwantu ghall-tliet kwarti indivizi lill-eccipjenti u r-rimanenti qed jigi depozitat il-Qorti.

7. Illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li huwa l-attur li huwa debitur tal-konvenuti eccipjenti u ghalhekk kwalsiasi hlas ta’ krejjiet huwa kumpensat b’dak li huwa dovut lill-konvenuti.

8. Salv eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 8 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma’ dokument anness a fol 9 sa 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef C Farrugia Sacco.

Rat ir-rikors ta’ Mario u Alexandra *sive* Sandra Falzon Scerri ahwa Ellul datat 23 ta’ Ottubru 1998 a fol 18 tal-process fejn talbu li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju ghal dak li jirrigwarda l-attur a favur tar-rikorrenti, liema talba giet milqugha b’digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank C. Camilleri datat l-1 ta’ Novembru 1998 (fol 20) u b’hekk gie ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta’ Mario u ta’ Alexandra *sive* Sandra Falzon Scerri ahwa Ellul sabiex ikomplu l-kawza minflok l-attur, li miet fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank C Camilleri fejn fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 1999 meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 4 ta’ Jannar 2000 a fol 23 tal-process talbu lill-Qorti ir-riappuntament tal-kawza ghas-smigh u terga’ tpoggiha fuq il-lista sabiex l-istess kawza tkun tista’ tkompli tieghu l-kors normali taghha u eventwalment tigi deciza; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat l-kawza ghas-smigh ghall-10 ta’ Mejju 2000 b’digriet datat 7 ta’ Jannar 2000 (fol 24).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta tal-11 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea u jiffissa seduti ghall-provi attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat ir-rikors ta’ Adelaide Ellul u Edmea mart Michael Calleja ahwa Ellul datat 3 ta’ Mejju 2002 a fol 71 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-legittimazzjoni tal-atti f’isem ir-rikorrenti bhala eredi tal-mejjet John Ellul; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna laqghet it-talba u ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju kif miltub, u dan kif jidher bid-digriet moghti fil-15 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2003 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenuti. L-attur imsejjah izda ma deherx. Il-kawza giet differita *sine die* minhabba li l-attur naqas li jidher.

Rat ir-rikors tal-attur datat 26 ta’ Gunju 2003 a fol 106 tal-process fejn talab lill-Qorti sabiex terga’ tappunta l-kawza ghas-smigh; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-12 ta’ Novmebru 2003, b’digriet moghti fit-30 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta’ April 2006 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit Mckeon ghall-konvenuti Emeric u Charles Ellul prezenti. Prezenti wkoll il-konvenuta Adelaide Ellul assistita minn Dr. Mark Attard Montalto. Dr. Anthony Ellul u l-attur msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Ellul datata 9 ta’ Mejju 2006 a fol 130 fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza fl-ismijiet premessi; u l-Qorti, bid-digriet taghha tal-5 ta’ Ottubru 2006 wara li rat l-atti, laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghall-31 ta’ Jannar 2007, b’dan li innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenuti.

Rat ir-rikors ta’ Sandra Falzon Scerri datata 18 ta’ Settembru 2006 a fol. 141 tal-process fejn talbet lill-Qorti

sabiex tahtar kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Mario Ellul, iben il-mejjet Emanuel Ellul u Rita Ellul.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti datata 4 ta' Ottubru 2006 a fol 139 tal-process li biha informa l-Qorti illi l-kuraturi deputai li jmisshom t-turn kienu l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Mario Mifsud Bonnici; u l-Qorti laqghet it-talba ghan-nomina tal-istess kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` giacenti ta' Mario Ellul, iben il-mejjet Emanuel Ellul u Rita Ellul.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Frank Cassar li nforma lill-Qorti li mhux jaqblu dwar l-ispejjez tal-kawza, peress li l-mertu hu ezawrit. Deher ukoll Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenuti. Dr. Cassar xtaq jaghmel nota f'dan is-sens u l-Qorti laqghet it-talba u ipprefeggiet erbghin (40) gurnata zmien ghall-istess nota bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata zmien ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat in-nota tal-atturi datata 25 ta' Mejju 2011 a fol 217 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut John Ellul et datata 12 ta' Lulju 2011 a fol 219 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn qed jintalab li jinghata rendikont tal-immobbli li kienu formanti parti mill-eredita' ta' Carmelo Ellul (+ 12 ta' Marzu 1984) u Adalgisa Ellul (+ 10 ta' Jannar 176), u li halla bhala eredi tieghu lill Emanuel Ellul (li miet fil-mori tal-kawza u l-eredi tieghu Mario u Alexandra sive Sandra Falzon Scerri – u llum hemm kuraturi deputati ghan-nom ta' Mario Ellul (li miet ukoll fil-mori tal-kawza), u lill-konvenuti John (li miet fil-mori tal-kawza u floku dahlu hutu Adelaide u Edmea), Adelaide , u Edmea mart Michael Calleja, ahwa Ellul.

Illi qed jinghad li l-attur (Emanuel Ellul) kien ilu ma jircievi rendikont tal-kirjiet tal-immobbli formanti l-istess eredita' mit-12 ta' Marzu 1984 u ghalhekk saret din il-kawza sabiex fi zmien qasir u perentorju jinghata tali rendikont; (2) sabiex jinghata sehemu mir-rendikont migbur.

Illi jidher li skond l-konvenuti l-fondi huma s-segwenti:-

(a) 86, St. Francis Street, Floriana mikri Lm120 fis-sena;

(b) 15, Racecourse Street, Marsa bil-kera ta' Lm200 fis-sena.
(c) 16, Racecourse Street, Marsa bil-kera ta' Lm20 fis-sena.
(d) St. Mary, Balbi Street, Marsa bil-kera ta' Lm100 fis-sena u dwar dawn l-konvenuti jsostnu li sehem l-attur kien ta' Lm36.66,6 u u dan ghaliex qed jinghad li skond il-porzjonijiet li l-konvenuti qed jeccepixxu li jridu jinqassmu bejn il-kontendenti kif rifless fit-tielet eccezzjoni taghhom a fol. 7 tal-process.

Illi fil-fatt a bazi ta' tali kolkoli l-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont dovut lill-attur huwa dak ta' Lm513.50 (sa dak iz-zmien tal-prezentata tal-eccezzjonijiet) u dawn gew pacuti mal-ammont ta' Lm13,461.62 dovuta mill-attur lill-konvenuti skond skrittura privata datata 6 ta' Lulju 1993 (Dok. “A” – fol. 11 tal-process).

Illi inghad ukoll li kien hemm zewg fondi ohra:

(a) 14, St. Publius Street, Floriana, li kien okkupat minn Charles u Emeric Ellul u li hemm kawza pendenti sabiex tigi stabilita l-kera tal-istess; u

(b) St. Rita, Balbi Street, Marsa li hija okkupata minn Sandra Falzon Scerri.

Illi minn naha l-ohra l-atturi qed jippretendu rendikont tal-fondi kollha ndikati b'nota datata 18 ta' Settembru 2001 a fol. 67 tal-process u b'nota datata 31 ta' Lulju 2008 (fol. 174) huma ndikaw li riedu rendikont tal-fondi:-

(a) 86 (1), St. Francis Street, Floriana.

(b) 86 (2), St. Francis Street, Floriana.

(c) 15, Racecourse Street, Marsa.

(d) 16, Racecourse Street, Marsa.

(e) St. Mary, Balbi Street, Marsa.

(f) 80, Rue, D'Argens, Msida.

(g) 65, St. Theresa Street, Cospicua.

(h) 55, Gunlayer Street, Floriana izda b'nota tal-attrici datata 28 ta' Novembru 2008 inghad li dan il-fond li qabel kien mikri lill-Carmelo Zammit bil-kera ta' 27.95 Euro fis-sena inbiegh lill certu Morris Borg, mentri terran gio St. Francis Street, inbiegh lill-kumpanija ta' awdituri (fol. 177).

Illi b'risposta ghal dan il-konvenuti sostnew li l-fondi 65, St. Therese Street, Cospicua, 55, Gunlayer Street, Floriana, u t-terran, St. Francis Street, Floriana, huma proprjeta' biss ta' Adelaide Ellul u Edmea Calleja u ghalhekk l-atturi ma ghandhom l-ebda sehem minnhom.

Illi dwar il-fondi l-ohra saret nota tal-konvenuti datata 15 ta' Jannar 2009 li fiha inghataw dettalji tal-kirjiet vigenti, u permezz tan-nota datata 17 ta' Marzu 2009 gie pprezentat rendikont tal-kirjiet sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni

attrici fit-30 ta’ Ottubru 1996 u allura skond huma ghall-perjodu bejn l-1991 u l-1996 u din giet sopportata b’nota datata 28 ta’ Mejju 2009 a fol. 201 tal-process fejn qed jindikaw li ghall tali perjodu l-ammont dovut huwa ta’ Lm178.75 ekwivalenti ghal €416.37, li huma fi kwalunkwe kaz pacuti bl-ammont dovut mill-attur skond id-Dok. “AME 01” datat 6 ta’ Luljuj 1993 indikat mill-konvenuti bhala Dok. “A” (fol. 11) mal-eccezzjonijiet taghhom.

Illi ghall dan l-atturi rritenew il-posizzjoni taghhom skond nota datata 2 ta’ Dicembru 2009 (fol. 199) u b’risposta ghall dan saret nota mill-konvenuti datata 20 ta’ Dicembru 2010 fejn din id-darba inghata rendikont ghall-perjodu bejn is-sena 1984 u Dicembru 2010 u hawn issir riferenza ghall tali rendikont a fol. 209 sa 213 tal-istess u jirrizulta ghalhekk li skond verbal datat 3 ta’ Mejju 2011 (fol. 216) il-mertu huwa ezawriet u dan ghaliex fl-ahhar inghata r-rendikont mitlub, li l-ammont dovut lill-attrici huwa dak ta’ Lm1,034.55 ekwivalenti ghall €2,409.85, li jinsab fil-fatt pacut invista tal-iskrittura privata datata 6 ta’ Lulju 1993, fejn jirrizulta li mill-awtur tal-atturi huwa dovut lill-konvenuti l-ammont ta’ €33,686.51 (Lm14,461). Dan ghalhekk iwassal sabiex dwar l-ewwel talba attrici inghata l-istess rendikont, u dwar it-tieni talba din ma tistax tigi milqugha ghaliex l-ebda ammont ma huwa duvut ghaliex sehhet it-tpacija ghall-ammont da parte tieghu li kien dovut mill-attur lill-konvenuti skond l-imsemmija skrittura privata u ghalhekk f’dan is-sens ma hemmx hemmx izjed jigi deciz, ghaliex la darba li sehhet it-tpacija, t-tieni talba ma tistax tintlaqa’ ghaliex sehhet it-tpacija.

Illi dan ifisser li allura baqa’ biss l-ispejjez tal-kawza din il-Qorti thoss li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti u dan peress li l-ewwel talba kien sabiex jinghata rendikont, rendikont li gie moghti biss fil-mori ta’ din il-kawza u proprjament inghata sew fl-20 ta’ Dicembru 2010. Ghalkemm huwa minnu li mill-istess jirrizulta li l-ammont dovut lill-attur kien pacut b’ammont ikbar li kien dovut minnu lill-konvenuti, pero’ xorta jibqa’ l-fatt, li dan ma setghax jigi konstatat qabel mal-konvenuti jaghtu rendikont tal-ammont minnhom migbur, nkluz dak dovut lill-attur, u il-fatt li t-tpacija tapplika ipso iure (artikolu 1196

tal-Kap. 16 – **"Marianna Spiteri et vs Joseph Vella"** – P.A. (AJM) – 3 ta' Mejju 1993) ma jbiddel xejn mill-fatt li l-attur kellhu dritt li jitlob ghar-rendikont tal-flejjes inkassati mill-konvenuti mertu tal-kawza odjerna, li minnhom huwa kellhu sehem, rendikont li inghata snin wara fil-mori ta' din il-kawza, u anke wara diversi interventi ta' din il-Qorti, nkluz kif kostitwieta u ghalhekk in vista tal-premess tiddeciedi li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tiddikjara li l**-mertu tal-ewwel talba huwa ezawrit ghaliex fil-mori tal-kawza gie pprezentat rendikont mitlub mill-atturi, u t-tieni talba qed tigi michuda ghaliex jirrizulta li mill-istess rendikont ma huwa dovut l-ebda ammont lill-attur u lill-avendi causa tieghu ghaliex sehhet tpacija skond il-ligi skond kif hawn premess u deciz, b'dan pero' li minhabba dak deciz u senjatament li l-istess rendikont gie pprezentat fil-mori ta' din il-kawza u hafna zmien wara l-prezentata tac-citazzjoni attrici, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------